MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 18/2014

**Seduta tad-29 ta' Lulju 2015**

**Appell Numru: 18/2014**

**Anthony Montebello**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Soċjali**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tat-3 ta' Ottubru 2014, fejn l-Arbitru ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*'L-Appell*

*L-appellant premezz tal-Avukat Dr Mark Vassallo qed joggezzjoni li l-pensjoni li nghata dik ta' €97.32 fil-gimgha kellha tkun oghla.*

***Risposta tad-Direttur Generali***

*Id-Direttur jghid li peress li l-appellant skont il-worksheet annessa mar-risposta l-ahhar li hallas kontribuzzjoni kien fl-1994 huwa fil-fatt kien hallas biss 34 kontribuzzjoni. F'diversi snin l-appellant qatt ma hallas kontribuzzjonijiet u ghalhekk dan jaghti lok ghal pensjoni mnaqqsa peress li meta l-kontribuzzjonijiet li hallas jigu maqsuma fuq is-snin li suppost hallas jigifieri 1146 kontribuzzjoni divizi bi 42 sena dawn jaghtu medja ta' 27.29 fis-sena.*

*Ghalhekk jaghtu pensjoni bil-porzjon ridott bir-rata ta' €97.32 fil-gimgha.*

***Konsiderazzjonijiet***

*Meta deher quddiem l-Arbitru l-appellant ammetta li kien hemm diversi snin li ma hallas il-kontribuzzjonijiet u kien irtira mix-xoghol ta' 45 sena. Huwa qal li kellu diffikultajiet u ghalhekk ghal diversi snin ma kienx qed ihallas il-kontribuzzjoni.*

*Ghalhekk l-Arbitru ma jistax jifhem il-pretensjoni tal-appellant kif jippretendi pensjoni shiha meta rtira mix-xoghol ta' eta' daqshekk zghira u ilu ghal aktar minn ghaxar snin ma jhallas kontribuzzjoni.*

***Decizjoni***

*Ghal dawn il-motivi l-Arbitru qed jichad l-appell u jikkonferma r-rata tal-pensjoni kif mahduma mid-Direttur.'*

Illi l-appellanti Anthony Montebello ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u qiegħed jinterponi dan l-appell, bis-segwenti aggravji. L-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt illi d-deċiżjoni tal-Arbitru mhijiex sodisfaċentement motivata u hija nieqsa minn konsiderazzjonijiet legali. Jilmenta imbagħad mil-fatt illi id-Direttur ibbaża l-kalkoli tiegħu fuq ammonti skorretti.

Illi l-fatti kif jirriżultaw huma s-segwenti

Illi l-appellanti applika għall-Pensjoni Kontributorja mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u liema pensjoni ġiet awtorizzata bir-rata ta' €97.32 fil-ġimgħa mill-31 ta' Awwissu 2013.

Illi wara li l-appellanti interpona appell quddiem l-Arbitru, dan ikkonferma r-rata ta' pensjoni kif maħduma mid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali.

**L-Ewwel Aggravju.**

Illi l-appellanti jilmenta illi il-pensjoni ġiet ikkalkolata b'mod ħażin u li l-Arbitru ma għamilx konsiderazzjonijiet suffiċjentament motivati.

Illi fis-sentenza **Ronnie Gauci vs Direttur ghas-Sigurta Socjali** (App.Inf. 06/10/201) gie deciz in materia:

*"... ghalkemm il-motivazzjoni hi ta' essenza f'kull gudikat, mhux necessarju li din tkun wahda bilfors elaborata, u tista', anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista' tigi individwata r-raguni li titqieghed abbazi tad-decizjoni. Ara ad ezempju d-decizjoni fl-ismijiet "Joseph Mercieca -vs- Water Services Corporation", Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2009. Irid jinghad illi din l-espressjoni ta' fehma giet, sa recentement hafna, abbraccjata mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali in re: "Frank P. Borg Limited -vs- Joseph Camilleri", 28 ta' Mejju, 2010;*

*Ghandu jigi osservat illi f'dik l-istess sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta nghad ukoll illi "f'adempiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni l-gudikant mhux tenut li joqghod jaghmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha processwali jew tal-punti kollha ta' dritt izda sufficjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qieghed jiffonda d-decizjoni tieghu". Maghdud dan, huwa dejjem opportun li jigi mfakkar ukoll il-principju bazilari li l-litigand ghandu jinghata raguni ghaliex il-meritu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz. "Dan mhux biss biex tigi assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imam wkoll biex tkun tista' tigi*

*verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Id-decizjoni kellha almenu tinvesti l-mertu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzonijiet ghalihom"*
*("Kruger Limited -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell, 13 ta' Lulju 2001). Fil-fattispeci, allura, ghaliex il-gravam kien qed jigi michud. Decizjoni din li kellha tkun appoggjata minn motivazzjoni adegwata li tipprovdi s-sodisfazzjoni minimu lill-appellanti ghaliex l-Arbitru jkun wasal ghal dak ilkonvinciment tieghu; Ma ghandu qatt jintilef di vista illi s-sufficjenza u rrazzjonalita` talmotivazzjoni timplika logikament ir-raffront bejn ir-raguni taddecizjoni u rrizultanzi probatorji. Ara f'dan is-sens id-decizjonijiet ta' din il-Qorti flismijiet "Anthony Galdes Giappone -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali", 9 ta' Jannar, 2009 u "Mary Bonavia -vs- Diretur tas-Sigurta` Socjali", 30 ta' Jannar, 2009;*

Illi fid-deċiżjoni tieghu, l-Arbitru jispjega illi kien hemm diversi snin li l-appellanti ma ħallasx il-kontribuzzjonijiet u li kien irtira mix-xogħol ta' 45 sena. Josserva illi għal diversi snin huwa ma ħallasx il-kontribuzzjonijiet, kif *del resto* ammess mill-appellanti stess. Din hija l-motivazzjoni li jagħti l-Arbitru u jiġi osservat minn din il-Qorti illi din tabbasta għall-fini ta' dak li huwa meħtieġ in linea ma dan l-insenjament ġuridiku hawn fuq ċitat. Għal dawn ir-raġunijiet dan l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

Fir-rigward tat-**tieni** aggravju jingħad illi din il-Qorti tosserva illi l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu jagħmel riferenza għal 1146 kontribuzzjoni li saru mill-appellanti tul il-hajja lavorattiva tieghu. Minn ħarsa lejn id-dokument immarkat bħala AM1 jirriżulta illi saru dawn il-kontribuzzjonijiet :-

| | |
|---|---|
| Class 1 | 518 |
| Class 2 | 346 |
| Class 3 | 328 |

Magħduda flimkien, dawn jagħtu total ta’ 1192 kontribuzzjoni u mhux ta’ 1146 kontribuzzjoni kif jgħid l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu. Pero din il-Qorti tosserva illi fil-‘Worksheet for Part III Assessment’ jidher illi hemm nieqsa it-22 kontribuzzjoni tal-Class III illi hemm inklużi f’dok AM1, u n-numru ta’ kontribuzzjonijiet huwa ta’ 1146. Mhuwiex ċar għalfejn l-Arbitru straħ fuq dokument wieħed u mhux l-ieħor. Pero din il-Qorti tagħmel ukoll riferenza għall-paragrafu D tat-Tnax-il Skeda tal-Kap 318 tal-Liġijiet ta’ Malta, u tirriproduċih hawnhekk

| **Medja fis-sena ta’ kontribuzzjonijiet imħallsa jew akkreditati** | **Rata ta’ Pensjoni li titħallas fil-ġimgħa**<br>**(kalkolata sa l-eqreb ċenteżmu sħiħ)** |
|---|---|
| 40 - < 50 | [{FAP - INC} x 0.89] + INC |
| 30 - < 40 | [{FAP - INC} x 0.69] + INC |
| 20 - < 30 | [{FAP - INC} x 0.49] + INC |

Dan ifisser illi minkejja illi l-Arbitru ma spjegax għalfejn mexa fuq ammont wieħed u mhux l-ieħor, sew jekk l-ammont ta’ kontribuzzjoni ikun ta’ 1146 kif ukoll jekk ikun ta’ 1192, il-*bracket* ta’ medja ta’ kontribuzzjonijiet imħallsa li fih jaqa’ l-appellant xorta jibqa’ l-istess, u dan skond paragrafu D tat-Tnax-il Skeda tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta’ Malta. Jekk wieħed jagħmel 1192 / 42 (numru ta’ snin ta’ xogħol ) jagħti 28.38, u jekk wieħed jagħmel 1146 / 42 jagħti 27.29. Jiġifieri iż-żewġ ammonti jaqgħu fit-tielet bracket għaliex it-tnejn huma naqas minn 30

Din il-Qorti tosserva illi l-appellanti jissottometti ukoll ili għas-snin 1991, 1992, 1993 u 1994, huwa ħallas il-kontribuzzjonijiet kollha u dan wara l-ħruġ ta’ mandat ta’ sekwestru fil-konfront tiegħu. Huwa jgħid li bil-ħlasijiet li saru mill-

1991 sal-1994 il-kontribuzzjonijiet iġibu total ta’ 1344 u b’hekk medja ta’ 32 kontribuzzjoni fis-sena. Pero mill-inkartament quddiemha din il-Qorti ma jirriżultalhiex ippruvat illi l-kontrbuzzjonijiet għas-snin 1991 sa 1994 fil-fatt tħallsu kollha, u mhux kif hemm indikat fil-prospetti ippreżentati mill-appellat u ċioe 12-il kontribuzzjoni għas-sena 1991, ebda kontribuzzjoni fl-1992, 9 kontribuzzjonijiet għas-sena 1993 u 35 kontribuzzjoni għas-sena 1994. Għaldaqstant jiġi konkluż illi l-appellanti ma irnexxielux jipprova dak li jgħid fir-rikors tal-appell tiegħu u ċioe illi għas-snin 1991-1994 huwa ħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sena kollha. Għaldaqstant din il-Qorti tikkonkludi li anke dan it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-deċiżjoni tal-Arbitru ikkonfermata. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------